

Brussell, 9 ta' Frar 2017
(OR. en)

6170/17

COHOM 16
CONUN 54
SOC 81
FREMP 11

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15717/16	COHOM 168 CONUN 234 SOC 815 FREMP 210
Suġġett:	Il-Qafas fil-livell tal-UE Rivedut mitlub mill-Artikolu 33.2 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu fl-Anness il-Qafas fil-livell tal-UE Rivedut Mitlub mill-Artikolu 33.2 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, kif adottat mill-Kunsill fit-3513-il laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Jannar 2017.

**QAFAS FIL-LIVELL TAL-UE RIVEDUT MITLUB MILL-ARTIKOLU 33.2
TAL-KONVENZJONI TAN-NU DWAR ID-DRITTJIJET TA' PERSUNI B'DIŻABBILTÀ**

Wara r-rakkomandazzjonijiet inklużi fl-osservazzjonijiet ta' konklużjoni maħruġa mill-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà dwar ir-rapport inizjali tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni.

1. INTRODUZZJONI

Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà¹ (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni"²) daħlet fis-seħħ għall-UE fit-22 ta' Jannar 2011. L-Artikolu 33.2 tal-Konvenzjoni jitlob lill-Istati Parti biex "iżommu, isaħħu, jinnominaw jew jistabbilixxu" qafas, inkluż tal-anqas mekkaniżmu indipendenti wieħed. Ir-rwol tal-qafas huwa li jippromwovi, jipproteġi u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Il-qafas għandu jidħol fis-seħħ f'konformità mas-*sistemi legali u amministrattivi* ta' kull Stat Parti. L-Artikolu 33.2 tal-Konvenzjoni jipprevedi li l-attivitàjiet rilevanti jistgħu jitwettqu f'qafas, li jista' jikkonsisti f'diversi korpi. L-Artikolu 33.3 tal-Konvenzjoni jipprevedi li s-soċjetà ċivili (b'mod partikolari l-persuni b'diżabbiltà u l-organizzazzjonijiet tagħhom) għandha tiġi involuta u tipparteċipa b'mod sħiħ fis-sorveljanza.

Il-paragrafu 13 tal-Kodiċi ta' Kondotta bejn il-Kunsill, l-Istati Membri u l-Kummissjoni li jistabbilixxi arranġamenti interni għall-implimentazzjoni minn u r-rappreżentanza tal-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni jipprevedi li l-*"Kummissjoni ser tipproponi f'żmien debitu qafas adegwat għal mekkaniżmu indipendenti wieħed jew aktar f'konformità mal-Artikolu 33.2 tal-Konvenzjoni u dwar l-involviment tas-soċjetà ċivili, f'konformità mal-Artikolu 33.3 tal-Konvenzjoni, b'kont meħud tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni rilevanti kollha."*³

¹ 2010/C 340/08, ĠU C 340, 15.12.2010, p. 11.

² Ir-referenzi kollha għal dispożizzjonijiet legali jirreferu għall-Konvenzjoni, sakemm ma jkunx previst mod ieħor.

³ Minn hawn 'il quddiem, it-terminu "istituzzjoni" ser jintuża għall-finijiet ta' sempliċità, ħlief meta ssir referenza għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat.

L-irtirar tal-Kummissjoni Ewropea mill-Qafas fil-livell tal-UE huwa mingħajr preġudizzju għall-kompiti li l-Kummissjoni Ewropea twettaq bħala l-punt fokali tal-UE għall-Konvenzjoni inkluż il-promozzjoni u l-protezzjoni jew dawk previsti fit-TFUE li huma marbuta mas-sorveljanza tal-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE mill-Istati Membri.

2. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Skont l-Artikolu 44.2 tal-Konvenzjoni, l-obbligi tal-UE bħala organizzazzjoni ta' integrazzjoni reġjonali huma ekwivalenti għal dawk ta' Stat Parti, sa fejn jaslu l-kompetenzi tal-UE. Dawn il-kompetenzi huma deskritti fl-Anness ii tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48⁴.

Il-mandat tal-qafas tal-UE jkopri oqsma ta' kompetenza tal-UE, u jikkomplementa l-oqfsa nazzjonali u l-mekkaniżmi indipendenti li jgħorru r-responsabbiltà ewlenija għall-promozzjoni, il-protezzjoni u s-sorveljanza tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCPRD) fl-Istati Membri.

Il-qafas tal-UE jkopri żewġ mandati differenti:

- **l-ewwel nett**, il-kompiti għandhom jitwettqu f'dawk l-oqsma li l-Istati Membri ttrasferew fihom il-kompetenzi tal-UE (prinċipalment il-leġislazzjoni u l-politika tal-UE⁵). Dan ser ikun il-qasam ewlieni tal-azzjonijiet tal-qafas.
- **it-tieni nett**, il-kompiti għandhom jitwettqu b'rispett lejn l-implimentazzjoni "interna" tal-Konvenzjoni mill-istituzzjonijiet tal-UE, jiġifieri fir-rigward tal-Amministrazzjoni Pubblika tal-UE, pereżempju fir-rigward tal-impjegati kif ukoll l-interazzjoni tagħhom maċ-ċittadini u l-pubbliku.

⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, ĠU L 23, 27.1.2010, p.35.

⁵ Kif jidher fid-dikjarazzjoni tal-UE tal-kompetenzi annessa għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48.

3. MEMBRI TAL-QAFAS

Il-firxa ta' istituzzjonijiet u korpi tal-UE, attwalment iwettqu l-kompiti ta' promozzjoni, protezzjoni u sorveljanza tad-drittijiet definiti mill-Konvenzjoni.

L-entitajiet li ġejjin ġew identifikati biex flimkien jiffurmaw il-qafas tal-UE:

- il-Kumitat tal-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew,
- l-Ombudsman Ewropew,
- l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA),
- il-Forum Ewropew tad-Diżabbiltà (EDF).

4. KOMPITI LI GĦANDHOM JITWETTQU

4.1 Promozzjoni

L-Ombudsman Ewropew jista' jirċievi lmenti, kif ukoll iwettaq investigazzjonijiet *ex officio* u jipproduċi rapporti (l-Artikolu 228 TFUE) dwar amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE, inklużi l-Kummissjoni u l-FRA. Dawn ir-responsabbiltajiet jinkludu t-twettiq ta' attivitajiet promozzjonali skont il-Konvenzjoni, bħall-ħruġ ta' rapport annwali dwar l-attivitajiet b'sezzjoni ddedikata lid-diżabbiltà u t-tifrix tal-informazzjoni permezz tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen.

L-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) tista' tqajjem kuxjenza dwar il-Konvenzjoni f'konformità mar-Regolament 168/2007⁶ u l-Qafas Pluriennali (QP)⁷. B'mod partikolari hija tista' tindirizza d-diżabbiltà bħala parti mill-qasam tematiku ta' kontra d-diskriminazzjoni, iżda wkoll permezz ta' oqsma tematiċi oħra billi ssegwi approċċ trasversali.⁸

Il-Forum Ewropew tad-Diżabbiltà (EDF) jippromwovi b'mod indipendenti l-Konvenzjoni permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u attivitajiet tal-medja, rapporti, l-organizzazzjoni ta' seduti u avvenimenti, taħriġ, attivitajiet ta' networking u t-tifrix ta' informazzjoni rilevanti lill-organizzazzjonijiet membri Ewropej u nazzjonali tiegħu sabiex jissaħħu l-għarfien tekniku u l-ħila tal-promozzjoni tagħhom, kif ukoll l-involvement tal-partijiet interessati. L-attivitajiet promozzjonali strateġiċi l-oħra huma l-iskrutinju dwar il-konformità tal-leġislazzjoni u l-politiki tal-UE u l-ġoti ta' parir tekniku lill-awtoritajiet pubbliċi dwar l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

4.2 Protezzjoni

4.2.1 Konformità tal-Istati Membri mal-Konvenzjoni meta jiġi implimentat id-dritt tal-UE

Il-protezzjoni ta' individwi kontra l-ksur tal-Konvenzjoni mill-Istati Membri meta jimplimentaw id-dritt tal-UE hija **primarjament kwistjoni għall-oqfsa u l-qراطي nazzjonali**. Ir-rwol tal-qafas tal-UE fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-individwi jikkumplimenta l-oqfsa nazzjonali.

⁶ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, ara b'mod partikolari l-Artikolu 3, u l-Artikolu 4.1 u 4.2.

⁷ Deċiżjoni tal-Kunsill (2008/203/KE) li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 168/2007 fir-rigward tal-adozzjoni ta' Qafas Pluriennali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2007-2012, l-Artikolu 4.1 (a) sa (h), Regolament 168/2007

⁸ L-attivitajiet rilevanti huma l-preżentazzjoni tar-rapport annwali tal-FRA dwar kwistjonijiet tad-drittijiet fundamentali koperti minn oqsma tal-attività tal-Aġenzija, il-pubblikazzjoni ta' rapporti tematiċi, l-organizzazzjoni ta' taħriġ u attivitajiet edukattivi, l-involvement tal-partijiet interessati kif ukoll il-komunikazzjoni u l-avvenimenti. L-Aġenzija tista' wkoll tqajjem kuxjenza fost il-pubbliku ġenerali dwar id-drittijiet fundamentali tagħhom, u dwar il-possibbiltajiet u l-mekkaniżmi differenti għall-infurzar tagħhom b'mod ġenerali, iżda mingħajr ma titratta hija nnifisha l-ilmenti individwali.

Il-Kumitat tal-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew (PETI) jikkontribwixxi wkoll għall-protezzjoni kontra l-ksur mill-Istati Membri tal-Konvenzjoni meta jimplimentaw id-dritt tal-UE billi huwa jista' jisma' l-petizzjonijiet kollha mingħand kwalunkwe ċittadin tal-UE dwar kwistjonijiet li jaqgħu fl-isfera ta' attività tal-Unjoni u jaffettwawh direttament (l-Artikolu 227 TFUE). Il-Kumitat huwa indipendenti mill-Istati Membri u l-Kummissjoni meta jwettaq dan il-kompitu.

4.2.2 Konformità tal-istituzzjonijiet tal-UE mal-Konvenzjoni

Is-sorveljanza ta' ksur allegat tal-Konvenzjoni fil-forma ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet tal-UE hija primarjament il-kompitu tal-**Ombudsman Ewropew**. Hija/huwa jista' jisma' u jinvestiga lmenti li jqajmu kwistjonijiet dwar il-liġi u amministrazzjoni tajba kif ukoll iwettaq investigazzjonijiet *ex officio* u jipproduċi rapporti (l-Artikolu 228 TFUE). L-**Ombudsman Ewropew** jista' jinvestiga u jirrapporta dwar amministrazzjoni ħażina possibbli mill-Kummissjoni fil-fażijiet amministrattivi tat-trattament tal-ilmenti u l-attività ta' sorveljanza tiegħu. L-Ombudsman huwa indipendenti mill-istituzzjonijiet kollha l-oħra tal-UE kif ukoll minn kull Gvern, istituzzjoni, korp jew uffiċċju.

Il-Kumitat tal-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew għandu rwol wiesa' ta' protezzjoni fir-rigward tal-konformità mal-Konvenzjoni mill-istituzzjonijiet tal-UE fit-tfassil tal-politika u l-azzjonijiet legiſlattivi tagħhom, inkluż meta l-istituzzjonijiet tal-UE jaġixxu fil-funzjonijiet tal-amministrazzjoni pubblika tagħhom (pereżempju f'każijiet tal-persunal). Huwa jisma' petizzjonijiet dwar il-legiſlazzjoni u l-politiki tal-UE u jista' jippreżenta mistoqsijiet orali lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal dibattitu fil-plenarja, jew joħroġ rapporti u/jew riżoluzzjonijiet.

L-**EDF** jirċievi informazzjoni u lmenti minn persuni b'diżabbiltà dwar l-esperjenzi individwali tagħhom, u jiġbed l-attenzjoni tal-amministrazzjonijiet responsabbli kif ukoll tal-pubbliku ġenerali dwarhom. L-EDF jista' jikteb interventi ta' partijiet terzi lil numru ta' Qrati Ewropej u nazzjonali.

4.3 Sorveljanza

4.3.1 Sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni mill-istituzzjonijiet tal-UE permezz tal-politiki u d-dritt tal-UE

L-EDF iwettaq indipendentement **sorveljanza sistematika tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni mill-UE permezz tad-dritt u l-politiki**, inkluż billi jeżamina proposti leġislattivi ġodda, u jirċievi lmenti dwar l-implimentazzjoni tagħhom. Għalhekk, huwa jista' jivvaluta l-progress, l-istaġnar jew ir-rigress fit-tgawdija tad-drittijiet fuq ċertu perijodu ta' żmien.

L-Ombudsman Ewropew jikkomplementa s-sorveljanza tal-implimentazzjoni mill-istituzzjonijiet tal-Konvenzjoni, minħabba li hija/huwa jista' jiftaħ inkjesti fuq inizjattiva tiegħu stess u joħroġ rapporti dwar każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE⁹.

4.3.2 Għoti ta' data u żvilupp ta' indikaturi

Il-FRA tiġbor u tanalizza data b'mod indipendenti fil-limiti tal-mandat tagħha. L-għoti ta' data bħal din b'mod indipendenti ser ikun il-kompitu ewlieni tagħha fil-qafas. F'dan il-kuntest il-FRA tiżviluppa wkoll indikaturi u punti ta' riferiment biex tappoġġa l-proċess ta' sorveljanza.

5. MODUS OPERANDI

Il-qafas tal-UE għandu jopera bħala mekkaniżmu sempliċi, effiċjenti u prattiku fejn parteċipanti individwali li jaġixxu fi pjan ta' ħidma kkoordinat ser jikkontribwixxu f'kompiti ta' promozzjoni, protezzjoni u sorveljanza tal-Konvenzjoni fl-ambitu tal-kompetenzi eżistenti tagħhom.

Matul is-sena, il-parteeipanti tal-qafas ser iwettqu l-kompiti rispettivi tagħhom fil-kuntest tal-attivitajiet tagħhom. Il-kuntatti bejn il-parteeipanti ser iseħħu abbażi tal-ħtieġa.

Il-qafas ser jiltaqa' tal-anqas darba fis-sena għal laqgħa ta' progress. Il-possibbiltà li jsiru laqgħat addizzjonali ser tiġi kkunsidrata debitament skont il-ħtiġijiet u fuq talba minn kwalunkwe parteċipant tal-qafas.

⁹ L-Ombudsman Ewropew jista' jaġixxi wkoll bħala mezz ta' komunikazzjoni mal-ombudsmen nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri, permezz tan-Netwerk Ewropea tal-Ombudsmen.

Il-parteċipanti kollha għandhom id-dritt li jkunu preżenti matul il-laqgħa sħiħa, li jkollhom aċċess għad-dokumenti tal-laqgħa, u li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-kwistjonijiet diskussi. Id-deċiżjonijiet ser jittieħdu b'konsens. Il-parteċipanti għandhom jaqblu dwar metodi ta' ħidma u prijetajiet.

Komunikazzjoni ċara lejn il-pubbliku hija essenzjali sabiex jiġi żgurat li l-funzjonament tal-qafas kif ukoll il-kompiti u l-attivitajiet tal-komponenti differenti jinftiehm u tajjeb. Il-membri tal-qafas għandhom jiżguraw li fl-attivitajiet ta' rappurtar regolari tagħhom, il-ħidma dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni hija identifikata b'mod ċar u hija viżibbli b'mod adegwat.

Barra minn hekk, ser tinżamm paġna web kompletament aċċessibbli minn wieħed mill-Membri tal-qafas u ser ikun fiha links għas-siti web tal-parteċipanti l-oħra.

Rieżami tal-qafas u/jew tal-metodi ta' ħidma tiegħu jistgħu jinbnew meta jitqies li huwa meħtieġ.
